MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 94/1996/1

**Louis Vella**

**Vs**

**Gozo Consolidated Building Contractors Limited**

Il-Qorti,

Rat illi permezz tac-citazzjoni tieghu l-attur ippremetta:-

Illi hu gie inkarigat mis-socjeta' konvenuta sabiex jaghmel diversi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u dan fil-fond maghruf bhala 'Citadel Theatre' fi Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex;

Illi hu lesta x-xoghol kollu relattiv liema xoghol sar skond l-istruzzjoni u sodisfazzjoni tal-Perit inkarigat mill-progett;

Illi ma kienx hemm ftehim bejnu u l-konvenut kif ghandu jsir il-hlas tax-xoghol u minkejja li l-attur interpella diversi drabi sabiex is-socjeta' konvenuta tersaq ghall-hlas tax-xoghlijiet li saru dina baqghet ma hallsitx l-ammont in kwistjoni.

Ghalhekk l-attur talab lil din il-qorti sabiex:

a. tahtar u tinnomina perit tekniku sabiex jillikwida l-ammont dovut ghax-xoghlijiet li saru mill-attur lis-socjeta' konvenuta fil-post 'Citadel Theatre' fi Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex;

b. Tikkundanna lis-socjeta' thallas l-ammont hekk likwidat lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Dicembru 1995 bir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Illi permezz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet, is-socjeta' konvenuta eccepiet:

a. Illi kif gia gie ripetutament avzat l-attur, is-socjeta' konvenuta m' ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-attur billi ma sar ebda negozju bejniethom rigwardanti x-xoghlijiet imsemmija fic-citazzjoni. Ghalhekk hemm lok ghal-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.

b. Illi s-socjeta' konvenuta lanqas m'ghandha x'taqsam xejn max-xoghol imsemmi fic-citazzjoni u mas-Citadel Theatre;

Illi effettivament ic-Citadel Theatre jappartjeni lil Dr Victor Bajada, Ignatius Attard u Angelo Cefai personalment u huwa gestit mil-kumpanija Castle Hill Limited. L-istess persuni qatt ma rrifjutaw li jhallsu lill-attur tax-xoghol realment minnu esegwit u cioe' l-ftuh u l-bini ta' zewg arzelli, u l-bini ta' parti minn pedament u xi xoghol zghir

iehor. Izda l-attur irrifjuta li jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens relattiv u qieghed minflok jippretendi hlasijiet fenomenali ghal xoghol esegwit minn haddiehor.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt

Rat illi b'digriet ta' din il-qorti tal-11 ta' Gunju 1997 gie nominat bhala perit tekniku il-Perit Edward Scerri u b'digriet iehor tal-20 ta' Gunju 2001 gie nominat sabiex jassistih bhala Perit Legali l-Avukat Carmelo Galea sabiex jirrelataw dwar it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Rat ir-rapport tal-Periti Legali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2011 Dr Georgine Schembri ghas-socjeta' konvenuta talbet li in vista li tbiddel il-magistrat sedenti hija tressaq sottomissjonijiet finali taghha oralment. Il-qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghas-seduta tal-14 ta' Lulju, 2011.

Rat li fis-seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011 Dr Noel Camilleri ghall-attur talab differiment mhux oppost u ghalhekk il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali ghas-27 ta' Settembru, 2011.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2011 id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum 31 ta' Jannar 2012.

## Kunsiderazzjonijiet

Illi f'dawn il-proceduri kienu nominati zewg Periti li pprezentaw ir-rapport taghhom. Ghalkemm l-attur prezenta talba ghall-hatra ta' periti addizzjonali, ma kienx

hemm insistenza dwar tali talba u ghalhekk ebda periti addizzjonali ma gew nominati. Jirrizulta in atti li gie eskuss biss il-Perit Edward Scerri, il-Perit Tekniku.

Illi l-qorti tibda ghalhekk billi tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Y & P Marketing (Malta) Limited vs Adolf Baldacchino**[1] li kkunsidrat is-segwenti:

'Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk '*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

*In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha* (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett*

[1] Cit Nru: 588/09JZM deciza fit-18 ta' Ottubru, 2011

*tekniku tal-materja taht ezami* (“**Grima vs Mamo et noe”–** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben*
*informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* (“**Cauchi vs Mercieca” –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; “Saliba vs Farrugia**” – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u “**Calleja *noe* vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*” – (“**Bugeja *et* vs Muscat et”** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967)’.

Illi din il-qorti, fid-dawl ta’ dawn l-insenjamenti, se tghaddi biex tezamina t-talbiet u l-eccezzjonijiet mressqa f’din il-kawza.

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Illi din l-eccezzjoni jehtieg li tigi investita qabel kull kunsiderazzjoni ohra.

Is-socjeta’ konvenuta eccepiet in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejnha u bejn l-attur.

Illi fir-rapport peritali l-Periti kkonkludew li din l-eccezzjoni m’ghandhiex tigi akkolta u dan ghar-ragunijiet minnhom elenkati u li se jigu ezaminati minn din il-qorti.

Illi s-socjeta’ konvenuta sostniet li l-fond ‘Citadel Theatre’ ma jappartjenix lis-socjeta’ Gozo Consolidated Building Contractors Limited izda lit-tliet diretturi ta’ dik il-kumpanija

cjoe' lill-Avukat Dottor Victor Bajada, Angelo Cefai u Ignatius Attard. Fil-fatt dan jirrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani datat 8 ta' Jannar 1993. Inoltre' lanqas ma gie kontestat li dan il-fond huwa gestit minn socjeta' ohra ta' dawn l-istess tliet persuni ossia 'Castle Hill Limited'.

Illi jinghad ukoll li bhall-periti legali, din il-qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta dwar il-fatt li kull socjeta' kummercjali ghandha identita' guridika totalment separata u distinta minn tal-azzjonijisti u d-diretturi taghha, u anke minn kumpaniji ohra tal-istess azzjonisti jew diretturi. Izda kif issottomettew l-istess periti ghad-determinazzjoni ta' din l-eccezzjoni l-kunsiderazzjonijiet huma ben differenti.

Il-qorti taqbel ukoll li l-konvenju datat 4 ta' Frar, 1994 ezebit[2] li sar bejn l-attur u Ignatius Attard, Angelo Cefai u l-Avukat Victor Bajada ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' Gozo Consolidated Building Contractors Limited kien ilu li skada u li tilef il-validita' tieghu qabel ma giet prezentata c-citazzjoni odjerna. Din mhijiex kawza fejn l-attur talab l-ezekuzzjoni tal-konvenju. Ghalhekk is-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta dwar in-nuqqas ta' registrazzjoni ta' dak il-konvenju fit-termini tal-Avviz Legali 7/2004 ma ghandha ebda rilevanza. Dan il-konvenju jista' jkollu biss valur probatorju ghal dak li jsostni l-attur.

Illi anki fil-fehma tal-qorti din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:

- Permezz tal-konvenju fuq imsemmi, il-kumpanija konvenuta obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi a favur ta' Louis Vella plot formanti parti mill-art 'ta' Zejta' sive 'Tal-Belliegha', fil-limiti ta' Victoria, Ghawdex u dan b'diversi pattijiet u kundizzjonijiet fosthom:

'(1) Bil-prezz ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) li jithallsu inkwantu ghal erbat elef lira Maltin (Lm4,000) bhala pagament mill-kontijiet dovuti mill-kumpanija lill-

[2] A fol 72 tal-process

imsemmi Louis Vella ghall-bini f'Ta' Sbejha, Gharb, Ghawdex u in kwantu ghal tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) f'xoghol ta' gebel u jew konkrit li l-imsemmi Louis Vella jaghmel lill-kumpanija b'gebel safi bil-prezz ta' tmintax-il lira u nofs il-qasba u sitta u tletin lira Maltin (Lm36) fil-kaz ta' doblu u bit-tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm28) kull qasba ghall-konkrit.

Ghal kwalunkwe bon fini jigi dikjarat illi mill-kontijiet totali ghax-xoghol ta' bini f'Ta' Sbejha esegwit minn Louis Vella sal-lum il-kumpanija kien ghad fadlilha taghti lill-imsemmi Louis Vella bilanc ta' tmint elef seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm8,764) li minnhom il-kumpanija qeghda thallas illum stess is-somma ta' erbat elef seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm4764) u tal-istess somma qed tinghata d-debita ricevuta mill-komparenti Louis Vella lill-kumpanija u d-differenza ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) ser tigi skontata mill-prezz tal-plot kif fuq inghad'.

'(5) Il-kumpanija tirriserva li tqabbad lil Louis Vella li jibda ix-xoghol tal-bini u jew konkrit immedjatament. F'kas li ma jinharigx il-permess tal-bini, dana l-ftehim ma' jkollux iktar validita' u l-kumpanija tkun obbligata illi thallas lill-komparenti Louis Vella is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) rigward il-kontijiet 'ta' Sbejha' u l-kontijiet li jkunu dovuti ghal xoghol li Louis Vella ghad irid jaghmel'.

'(7) Ix-xoghlijiet ta' bini u jew konkrit ghandhom isiru fiz-zmien sena mil-lum'.

- Kif diga' inghad il-konvenju inkwantu fonti ta' obbligazzjoni ta' trasferiment ta' immobbli tilef il-validita' tieghu. Izda permezz ta' din l-iskrittura s-socjeta' konvenuta rrizervat li tinkariga lill-attur jwettqilha xoghol ta' bini, anki jekk ma gietx specifikata l-lokalita' fejn dan ix-xoghol kellu jigi ezegwit. L-attur kien ghalhekk gustifikat jemmen li l-kuntratt ta' appalt li huwa dahal ghalih kien mas-socjeta' konvenuta u mhux ma' xi socjeta' ohra tal-istess tliet azzjonisti, jew mat-tliet azzjonisti f'dik is-socjeta' personalment.

- Kif qalu l-periti fir-rapport taghhom irrizulta mill-atti li Attard, Cefai u l-Avukat Bajada ma tantx kienu qeghdin jaghmlu distinzjoni bejn il-personalita’ ta’ din is-socjeta’ u l-personalita’ taghhom individwalment jew ta’ Castle Hill Limited. Infatti rrizulta li fl-ittra ufficjali responsiva tat-18 ta’ Dicembru 1995 kienet is-socjeta’ konvenuta li nfurmat lill-attur li l-perit taghha kien qieghed jivverifika l-kontijiet sottomessi mill-attur. Illi l-qorti hija konxja mill-fatt li fix-xhieda tieghu fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru l-Avukat Bajada xehed li dik l-ittra kienet intbaghtet bi zvista, tant li fi protest gudizzjarju l-attur gie nfurmat li Citadel Theatre kien proprjeta’ taghhom personali, izda li kien gestit minn Castle Hill Limited. Izda l-qorti xorta wahda hija tal-fehma li n-negozju guridiku ta’ appalt gie kontrattat bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta.

- Jinghad ukoll li mill-atti ma jirrizultax xi ftehim iehor li bis-sahha tieghu l-attur gie nkarigat jaghmel ix-xoghol ta’ bini inkwistjoni.

- Ghalkemm huwa minnu li fl-iskrittura fuq imsemmija ma giex specifikat il-lok fejn kien se jsir ix-xoghol izda jirrizulta mid-dicitura ta’ l-istess skrittura li x-xoghol kellu jibda kwazi fl-immedjat tant li gie stipulat li x-xoghol kellu jsir sa zmien sena mid-data ta’ l-istess skrittura. Mix-xhieda prodotti rrizulta li x-xoghol fic-Citadel Theatre beda f’Marzu 1994, ossija ftit gimghat wara l-iffirmar tal-konvenju.

- Inoltre’ s-socjeta’ konvenuta baqghet ma indikat l-ebda xoghol iehor li twettaq mill-attur f’xi post iehor.

- Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal dak li xehed il-Perit Ian Zammit li fl-affidavit tieghu jispjega li huwa tqabbad mis-socjeta’ konvenuta biex ifassal il-pjanti u l-faccati, japplika ghall-permess tal-bini, jiddisinja l-istruttura u jiehu hsieb is-supervizjoni tax-xoghol ta’ ristrutturazzjoni ta’ binja fi Pjazza Indipendenza, kantuniera mat-Telgha tal-Kastell, Victoria.

- Inoltre’ kif qalu tajjeb il-periti m’hemm l-ebda ostakolu li bhalma t-tliet sidien tal-binja waqqfu kumpanija

sabiex tiggestixxi c-Citadel Theatre, ma jkunx hemm kumpanija ohra sabiex tiggestixxi l-bini u l-izvilupp li huma jwettqu fil-proprjeta' taghhom[3].

- Is-socjeta' konvenuta sahqet in sostenn ta' l-eccezzjoni taghha li l-pagamenti li saru lill-ahwa Cremona ghax-xoghlijiet ezegwiti minnhom fil-fond de quo hargithom Castle Hill Limited. Fl-ewwel lok jinghad li l-ahwa Cremona mhumiex parti f'dawn il-proceduri. Fit-tieni lok, il-fatt wahdu li pagament isir minn persuna partikolari ma jfissirx necessarjament li kienet dik il-persuna li kkuntrattat l-appalt mal-persuna li tkun qed tircievi l-pagament.

- Inoltre ssir referenza ghal dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs Tabone Computer Centre Ltd[4]:**

*'Din il-Qorti tapprezza li kull kumpanija ghandha personalita' guridika indipendenti wahda minn ohra, u hija wkoll 'persuna' indipendenti mill-membri li jikkomponuha, pero' din il-personalita' guridika indipendenti m'ghandhiex tintuza' biex dak li jkun jipprova jehles mir-responsabilitajiet tieghu.............Gie decis minn dawn il-Qrati (ara Formosa vs Felice, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999) li l-fatt li l-proprjeta' tal-art tkun ta' 'persuna', mhux necessarjament isegwi li kull kuntrattazzjoni li tolqot dik l-art torbot lil dik il-'persuna'. 'Il-kuntratt ta' appalt' qalet dik l-Onorabbli Qorti, 'ma jista' jigi bl-ebda mod relatat mal-proprjeta' tal-fond li fih ix-xogholijiet kellhom jigu, kif fil-fatt gew esegwiti'.*

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

**<u>It-Tezi li sehhet cessjoni tal-appalt moghti lill-attur a favur tal-ahwa Cremona</u>**

[3] L-Avukat Bajada fil-kors tas-smiegh ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru xehed li huwa involut f'dsatax-il kumpanija

[4] Cit Nru: 107/2002 deciza fit-2 ta' Gunju, 2005. Il-fattispecie tal-kaz kienu differenti minn dawk tal-kaz odjern izda l-insenjament huwa xorta wahda applikabbli.

Illi anki jekk is-socjeta’ konvenuta tinsisti mod iehor sahansitra fl-ahhar nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentat f’dawn il-proceduri, it-tieni eccezzjoni kif redatta ma tinkorporax fiha l-eccezzjoni li sehhet cessjoni tal-appalt moghti lill-attur a favur tal-ahwa Cremona.

Ghaldaqstant kif tajjeb gie rilevat mill-Perit Legali ladarba ma hemm ebda eccezzjoni formali fin-nota ta’ eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta’ konvenuta mhux lecitu li din l-eccezzjoni titqajjem f’nota ta’ sottomissjonijiet u ghalhekk m’ghandhiex tigi kunsidrata. Tali konkluzjoni hija konfortata mill-gurisprudenza. Hekk per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **A. Cristina vs E Mizzi**[5] intqal *‘..Minkejja l-emendi tal-Kap 12 (kif emendat bl-Att XXIV tal-1995) u emendi ohra precedenti ma jammontax u lanqas ghandu jfisser li l-parti konvenuta ghandha speci ta’ ‘carte blanche’ li kull meta u x’hin jidhrilha l-waqt izzid ma’ dawk l-eccezzjonijiet li hija tkun gja tat. Il-posizzjoni la hija hekk illum (in vista ta’ l-emendi) u lanqas ma kienet hekk qabel...”*

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kieku tali tezi kellha tigi kunsidrata kif irrelataw l-istess periti l-istess tezi hija nfondata u ma tistax tintlaqa’. Hawnhekk issir referenza ghall-analizi li wettqu l-periti fir-rapport taghhom, liema analizi hija abbraccjata mill-qorti. Bizzejjed jigi kkwotat dak li qal il-Perit Zammit inkarigat mix-xoghlijiet fl-affidavit tieghu li verbatim qal *‘Il-parti l-kbira tax-xoghol strutturali sar minn numru ta’ haddiema immexxija mis-sur Louis Vella, mlaqqam ‘Ic-cherry’. Apparti dawn kienu mdahhlin ukoll l-ahwa Axiaq mix-Xewkija ghal parti mix-xoghol ta’ lavur’.* L-ahwa Cremona infushom ukoll jichdu b’mod kategoriku li sehhet tali cessjoni. Dak li rrizulta huwa li x-xoghol strutturali kien gie afdat lil Louis Vella u tlesta minnu jew almenu taht is-supervizjoni tieghu. Imbaghad wara li tlesta x-xoghol originarjament prospettat inqalghet il-htiega li jsiru xi modifiki ghax-xoghol gia mwettaq u dak ix-xoghol inghata direttament lill-ahwa Cremona peress li hafna mix-xoghol

[5] Appell Civili deciz fis-27 ta’ Marzu 2003

originali kienu ghamluh huma bhala sub-appaltaturi ta' Louis Vella.

Il-Perit Zammit ikkonferma wkoll quddiem il-Perit Tekniku li meta kien imur fuq is-sit kien jitkellem ma' min kien ikun hemm fuq il-post. L-aktar li jiftakar huwa lill-attur u lill-ahwa Axiaq (liema xoghol mhux oggett tal-kawza). Jiftakar li gieli kien hemm haddiema ohra u tahom xi struzzjonijiet.

Illi inoltre' l-fatt li l-Avukat Bajada gieli ta struzzjonijiet lill-ahwa Cremona dwar certu aspetti tax-xoghol, inkluz certu tibdil u b'dawn it-tibdil ma nfurmawx lill-attur, dan minnu nnifsu ma jfissirx li kien hemm cessjoni tal-appalt.

Illi fl-ahharnett jinghad b'referenza ghac-cekk mahrug fl-1 ta' Dicembru 1994 mahrug mis-socjeta' konvenuta a favur ta' Louis Vella li dan ic-cekk inhareg mis-socjeta' konvenuta lill-attur bi hlas tax-xoghol li huwa ghamel fil-villagg 'Ta' Sbejha' fl-Gharb. L-attur ikkonferma dan ghal diversi drabi hlief ghall-okkazzjoni minnhom li qal li l-hlas kien ghal xoghol li wettaq fuq ic-cinema. Apparti dan hemm l-ircevuta rilaxxjata mis-socjeta konvenuta nnifisha datata l-1 ta' Dicembru 1994[6] li tispecifika li l-hlas kien qieghed isir ghax-xoghol f'Ta' Sbejha. L-attur xehed li dan ic-cekk gie girat minnu a favur tal-ahwa Cremona. Peress li kienu ghaddew aktar minn ghaxar snin minn mindu ssarraf ic-cekk ir-rapprezentant tal-Bank ma setax jixhed f'liema kont gew depozitati dawn il-flus. L-istess xhud pero' spjega li kien ferm possibbli li ladarba c-cekk gie girat minn Louis Vella a retro, il-flus jidhlu f'kont ta' terza persuna minghajr il-htiega ta' firma ta' dik it-terza persuna. Ghaldaqstant il-versjoni ta' Louis Vella li dan ic-cekk gie girat favur l-ahwa Cremona li min-naha taghhom ghaddewh lil Gatt Ready Mix Limited ghax kellhom jaghtuhom, abbinat mar-ricevuta minghand l-istess Gatt Ready Mix datata 12 ta' Dicembru 1994 ghall-istess ammont[7].

[6] Dok LV 05.2 a fol 591 tal-process
[7] A fol 606 tal-process

Ghaldaqstant l-ahwa Cremona kienu s-sub-appaltaturi ta' Louis Vella u kwindi hawn si trattava ta' kuntratt wiehed u uniku u m'hemmx lok li wiehed jara x-xoghlijiet saru mill-attur personalment u liema xoghlijiet saru tramite l-ahwa Cremona.

**Pagamenti li saru lill-ahwa Cremona**

Illi jehtieg issa jigi kkunsidrat xi hlas jew hlasijiet li diga' saru mis-socjeta' konvenuta jew xi haddiehor ghaliha akkont ta' dak li kien dovut ghax-xoghol mertu tal-vertenza odjerna.

Illi l-Perit Legali kkonkluda li abbazi tax-xhieda u dokumenti prodotti ghandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm14,000 minn kwalsiasi ammont li jirrziulta dovut lill-attur u dan peress li din is-somma thallset lill-ahwa Cremona.

Illi fl-ahhar nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur sostna li huwa minnu li saru xi pagamenti lill-ahwa Cremona, izda minn dawn il-pagamenti huwa kien konsapevoli ta' pagament wiehed biss ossia dak ta' Lm4,000 li thallas fl-1 ta' Dicembru 1994 liema hlas sar permezz ta' cekk li gie girat u moghti lill-ahwa Cremona. Ghalhekk huwa dan l-ammont biss li ghandu jitnaqqas u xejn aktar. L-attur ikompli l-Perit legali mhux korrett meta jghid li l-ahwa Cremona thallsu Lm8,000 b'dan ic-cekk ghaliex il-hlas kien ta' Lm4,000. Ghalhekk skont l-attur hemm addizzjoni ta' Lm4,000 zejda bi zball min-naha tal-Perit Legali.

Illi dwar il-pagament ta' Lm2,000 l-attur sostna li dan il-hlas ma sarx ghax-xoghol relatat mal-appalt inkwistjoni imma ghal xoghol iehor li l-ahwa Cremona tqabbdu jaghmlu mis-socjeta' konvenuta wara li huwa kien lesta x-xoghol tal-appalt. Allura ladarba x-xoghol ma kienx relatat ma' l-appalt dawn l-Lm2,000 ma jridux jitnaqqsu.

Illi l-attur isostni li ghandu jitnaqqas biss l-ammont ta' Lm4,000 ghaliex ladarba ma kien hemm l-ebda cessjoni ta' l-appalt, il-hlas kellu jsir lilu bhala l-kuntrattur u mhux

lis-sub-appaltaturi tieghu meta huwa qatt ma rrinunzja jew ceda xi dritt tieghu li jircievi xi hlas dovut ghax-xoghol.

Illi s-socjeta' konvenuta, s'intendi minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet taghha, sostniet li l-periti nominati mill-qorti waslu ghall-konkluzzjoni korretta.

Illi din il-qorti fliet id-dokumenti u qrat id-deposizzjonijiet ta' diversi xhieda u minn tali ezami rrizultalha li l-periti nominati kienu korretti fil-konkluzzjoni taghhom u dan ghar-ragunijiet segwenti:

- L-attur mhux kredibbli fl-asserzjonijiet tieghu dwar dan il-punt. Fis-seduti tas-7 ta' April 2004 u 23 ta' Awwissu 2004 huwa xehed li lill-ahwa Cremona hallashom tax-xoghol li ghamlu. F'din l-ahhar seduta, l-attur meta mistoqsi jekk kienx jaf li s-sidien tac-cinema kienux hallsu lill-ahwa Cremona qal li lilu qalulu darba li lil Cremona hallsuhom akkont tax-xoghol. Dakinhar stqarr li huwa kien insista li dan ma jsirx ghaliex ir-relazzjonijiet ta' bejnu u bejn Cremona ma kellhom x'jaqsmu xejn maghhom is-sidien. F'din l-istess seduta qal li ma kienx jaf li effettivament is-sidien marru hallsu lil Cremona. Sar jaf matul din il-kawza. Qal li fil-fatt jaf li dawn is-sidien finalment kienu hargu cekk ta' Lm4,000 fuq ismu li huwa kien ghadda lil Cremona

- Kontra tali asserzjonijiet insibu dawk ta' l-ahwa Cremona. Michael Cremona[8] ikkonferma li ghax-xoghol li sar fic-Cinema thallsu tieghu kollu a saldu. Parti thallas minghand Louis Vella u parti minghand is-sidien u parti kienu jmorru ghall-flus flimkien ma' l-attur. Ix-xhud sostna li meta kienu jircievu l-hlas minghand Castle Hill Limited kienu jinfurmawh lil Louis Vella b'tali hlasijiet. Lil Vella qatt ma tah xejn minn dawn il-flus u in verita' dan qatt ma talbu. Francis Cremona, fl-istess seduta, ikkonferma dak li qal Michael Cremona. Huwa qal li cert li Louis Vella kien jaf b'dawk il-pagamenti li ghalihom marru flimkien.

[8] Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

▪ Illi rrizulta wkoll mid-dokumenti ezebiti li Castle Hill Limited hallset lil Cremona s-somma ta' Lm8,000[9]. Din kienet ircevuta datata 10 ta' Dicembru 1994. Kopja tac-cekk ma gietx ezebita pero' tali hlas gie kkonfermat mill-ahwa Cremona. Ricevuta ohra datata 17 ta' Mejju, 1995[10] inharget minn Frans Caruana lil Castle Hill Limited wara li rcieva s-somma ta' Lm4,000 bhala pagament akkont tax-xoghol u materjal fil-fond mertu tal-kawza odjerna. Giet ezebita wkoll kopja fotostatika tac-cekk mahrug u inoltre' l-istess hlas gie kkonfermat bil-gurament mill-ahwa Cremona. L-ahhar pagament ta' Lm2,000 jirrizulta mill-ircevuta datata 2 ta' Lulju 1996[11] li maghha nsibu wkoll kopja fotostatika tac-cekk li jgib l-istess data. Dan apparti l-fatt li l-ahwa Cremona wkoll jikkonfermaw tali hlas.

▪ Ghalhekk din il-qorti mhix konvinta li l-attur ma kienx jaf li kienu qed isiru l-hlasijiet lill-ahwa Cremona. Jidher li l-attur kien jaf u ta l-kunsens tieghu ghal dawn il-hlasijiet .

▪ Ghaldaqstant is-somma ta' Lm14,000 li diga' thallsu lill-ahwa Cremona ghandhom jitnaqqsu minn kwalunkwe ammont li huwa dovut lill-attur.

**<u>Ammont illi s-socjeta' konvenuta tippretendi li ghandu jitnaqqas dwar ix-xoghol ezegwit mill-haddiema nkarigati minnha</u>**

Illi s-socjeta' konvenuta qeghda tippretendi li jitnaqqsu ammonti li thallsu lil xi haddiema nkarigati minnha.

Fil-fehma tal-qorti, il-konkluzjoni raggunta mill-Periti hija gusta. Infatti rrizulta mix-xhieda ta' l-istess haddiema li huma kienu jiehdu l-istruzzjonijiet partikolarment minghand l-Avukat Bajada. Inoltre' ma rrizultax li sar xi ftehim ma' l-attur li s-socjeta' konvenuta kellha b'xi mod tigi kumpensata ghall-fatt li ntuzaw dawn ihaddiema. Kif qalu l-istess periti:

---

[9] Dok VB1 a fol 52 tal-process
[10] Dok VB2 a fol 53 tal-process
[11] Dok VB3 a fol 54 tal-process

‘U certament illi kemm il-konvenuta kif ukoll id-diretturi taghha ghandhom esperjenza bizzejjed fil-qasam tal-bini sabiex kienu konxji mill-fatt illi jekk kuntrattur ikun gie nkarigat jaghmel xoghol bl-imqieta, huwa sejjer jithallas tax-xoghol tieghu a bazi ta’ kejl u kont rilaxxjat minn perit jew quantity surveyor. Ghalhekk kien fl-interess tal-konvenuta illi, jekk kienet qeghda tinkariga haddiema apparti sabiex jaghtu xi kontribut lill-kuntrattur, u hija qeghda tippretendi illi tigi kumpensata ghal dan il-fattur, dan kollu jigi miftiehem car minn qabel. Barra minn hekk kien ikun opportun illi jinzamm record dettaljat u akkurat tal-hinijiet tax-xoghol ta’ dawk il-haddiema u wkoll tal-hinijiet illi dawk il-haddiema effettivament ghamlu jghinu lill-kuntratur.

Jidher illi minn dan kollu ma sar xejn. Anzi minn kliem dawn il-haddiema stess jirrizulta illi lil hadd ma kien jinteressah jekk huma (il-haddiema) kienux ighinu lill-ahwa Cremona ossia le’.

Ghaldaqstant is-socjeta’ konvenuta ma ghandha dritt tippretendi l-ebda ammont minghand l-attur ghax-xoghol li sar minn dawn il-haddiema li gew inkarigati minnha stess.

**<u>Ezami tal-Kont Redatt minn Salvu Bonello</u>**

Illi l-attur ipprezenta l-kont redatt mill-quantity surveyor Salvu Bonello.
Illi s-socjeta’ konvenuta fl-ewwel nota ta’ sottomissjonijiet taghha elenkat b’mod dettaljat il-punti mill-kont prezentat li hija mhix qed taqbel maghhom u dan abbazi tal-kummenti maghmula mill-Perit Ian Zammit.

Illi fir-rapport tal-periti gie kkunsidrat punt b’punt il-kummenti tal-Perit Zammit u ezaminaw jekk dawn kienux gustifikati o meno. Il-Perit Zammit elenka fid-dettal dawk il-partiti mill-kont tal-quantity surveyor li dwarhom huwa ma jaqbilx. Ad eccezzjoni tal-punti sollevati, il-Perit Zammit iqis li dak il-kont kien wiehed gust u korrett. Ghalhekk il-periti ezaminaw biss il-partiti li dwarhom il-Perit Zammit ma qabilx maghhom.

Illi din il-Qorti thoss li l-konstatazzjonijiet ta’ natura teknika mertu ta’ din il-kawza gew tajjeb indikati mill-istess perit tekniku u din il-Qorti thoss li ma hemm xejn fl-istess hija tista’ jew ghandha tinjora, anke peress li jidher li l-istess rizultanzi huma ben spjegati fl-istess rapport peritali u thoss li ma hemm xejn fil-kritika maghmula mis-socjeta’ konvenuta li timmerita li ghandha tvarja l-konkluzjonijiet peritali. Illi l-attur ukoll ipprezenta domandi in eskussjoni li l-Perit Scerri rrisponda kemm bil-miktub, kif ukoll seduta stante. Jirrizulta li l-istess Perit Tekniku ta ragun lill-attur almenu fuq punt minnhom. Jinghad li l-attur qabel ma’ diversi tnaqqis li ssuggerew il-Periti. Jinghad ukoll li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta kkritikat l-istess rapport peritali madankollu ma talbitx il-hatra ta’ periti perizjuri.

Illi ghalhekk din il-qorti tabbraccja l-maggiorparti tal-konkluzjonijiet peritali u tiddeciedi bil-mod li se jsegwi:

i. Rigward l-iskorrettezzi li minnhom tilmenta is-socjeta’ konvenuta fil-paragrafu 6.2.1 tan-nota ta’ sottomissjonijiet taghha jirrizulta li l-kont ta’ l-attur imhejji minn Salvu Bonello f’dan l-aspett kien konservattiv u m’hemmx lok ghal ebda tnaqqis.

ii. Rigward il-lamenteli dedotti fil-paragrafu 6.2.2 dwar skorrettezzi fil-kubagg uzat, il-periti rrelataw li ghandu jitnaqqas l-ammont ta’ Lm1579.50. Fir-rapport taghhom il-Periti spjegaw ghalfejn dan l-ammont ghandu jitnaqqas. In eskussjoni l-Perit Tekniku xorta wahda ma zbilancjax ruhu favur it-tezi attrici. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddiskosta ruhha mill-opinjoni teknika.

iii. Il-lamenteli dedotti fil-paragrafu 6.2.3 rigward diskrepanzi dwar il-vireg tal-hadid, ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis.

iv. Il-paragrafu 6.2.4 li jirrigwarda allegati skorrettezzi fil-kolonni u l-bazi, mil-kont redatt minn Bonello jrid jitnaqqas b’Lm113.67 rigward il-bazijiet u Lm52.50 rigward il-kolonni.

v. Fil-paragrafu 6.2.5, is-socjeta' konvenuta tilmenta minn diskrepanzi fis-saqaf tal-ewwel sular, irid jitnaqqas ammont minhabba li fil-parti C il-hxuna tal-konkos gie komputat aktar milli fil-fatt hu, u dan l-ammont ghandu jkun ta' Lm2.74, Lm70.98 u Lm292.25.

vi. L-iskorrettezzi fil-bini tat-tieni sular, illi jissemmew mis-socjeta' konvenuta fil-paragrafu 6.2.6 tan-nota taghha jikkonsistu f'tul zejjed ta' suletta, dwar liema ghandu jkun hemm tnaqqis ta' Lm16; izda ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis dwar il-wisa' medja, jkun hemm tnaqqis ta' Lm20 minhabba hxuna zejda fit-travi; Lm10.50 dwar id-differenza fil-kolonni; u m'ghandux ikun hemm tnaqqis dwar il-flush beams;

vii. Fil-paragrafu 6.2.7 is-socjeta' konvenuta tilmenta minn inezattezzi fis-saqaf tat-tieni sular ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis ghaliex jekk ix-xulliel kien irregolari hafna dan seta' ha hxuna average ta' 10" konkos u ma giex ippruvat mod iehor.

viii. Id-diskrepanzi fil-kalkoli tal-bini tat-tielet sular u tal-bini tar-raba' sular, li jissemmew fil-paragrafu 6.2.8 tan-nota tas-socjeta' konvenuta tirrizulta nfondata u ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis dwarha.

ix. Fil-paragrafu 6.2.9 tan-nota tas-socjeta' konvenuta jissemmew ghaxar punti partikolari ohra fil-kont ta' Salvu Bonello. L-ammont ta' Lm70 ghall-haddiema u gebel fil-pedamenti jirrizulta gustifikat u m'ghandu jkun hemm ebda tnaqqis fih.

x. Il-lamentela dwar Lm165 rapprezentanti xibka mal-hitan ukoll hija infondata.

xi. Hija wkoll infondata l-lamentela dwar hadid uzat bhala rinforzar, u li jissemma fl-ewwel nofs ta' pagna 4 tal-kont ta' Bonello.

xii. Il-lamentela dwar ix-xibka extra msemmija fil-pagna 4 u 5 tal-kont ta' Bonello hija gustifikata u ghandu jkun

hemm tnaqqis ta’ Lm37.13 mill-ammont finali li wasal ghalih Bonello.

xiii. Il-lamentela dwar ix-xibka extra fil-bejt ukoll tirrizulta fondata u ghandu jitnaqqas ammont iehor ta’ Lm40.50.

xiv. L-ammont ta’ 9.5 qasab kwadri extra ta’ xibka tirrizulta fondata u ghandu jkun hemm tnaqqis ta’ Lm13.84.

xv. Il-lamentela dwar l-ammont ta’ Lm242 xibka tal-bejt, l-ammont ta’ Lm98 xibka ta’ l-art u Lm37.60 vireg tal-1” li jinsabu taht l-item ‘konkos fit-tarag tas-sala ta’ fuq f’pagna 9’ tal-kont hija ngustifikata u m’ghandu jkun hemm ebda tnaqqis minn dan l-ammont.

xvi. Dwar il-lamentela dwar ix-xibka illi l-kejl taghha jinsab fil-pagna 11 tal-kont, trid titnaqqas ix-xibka extra kollha cioe’ Lm63, izda ma ghandu jkun hemm ebda tnaqqis dwar il-gonot ta’ bejn il-planki.

xvii. Tnaqqas ukoll *arbitrio boni viri* l-ammont ta’ Lm143.25 rapprezentanti nofs l-ingaljar. Il-qorti mhiex tal-fehma li tiddiskosta ruhha mill-opinjoni teknika moghtija li giet spjegata b’mod car fir-rapport.

xviii. It-tnaqqis ta’ bieb minhabba li l-perit osserva li kien hemm ftuh ta’ 6 bibien u mhux 7, ghandu jkun ta’ Lm250.

xix. It-tnaqqis mir-rata tal-ftuh ta’ 4 bibien minhabba li ta’ dawn diga’ gew inkluzi l-blajjet tal-konkos f’pagna 3 ghandu jku ta’ Lm143.52.

xx. Inoltre’ x-xoghol bil-gurnata ta’ Lm200 baqa’ ma giex spjegat u ghalhekk ghandu jitnaqqas ukoll.

xxi. M’ghandux ikun hemm tnaqqis ta’ Lm90 rapprezentanti l-ammont mitlub dwar it-tqeghid tal-planki peress li kif irrelataw il-periti dan mhux ammont eccessiv meta wiehed iqis il-periklu involut fit-tqeghid taghhom.

xxii. Il-periti legali rrelataw li ghandu jkun hemm tnaqqis fic-cement extra u r-rheobuilt fl-ammont ta’ Lm530.75. In eskussjoni l-Perit Scerri tenna li l-fatt li t-tarag tas-sala ghandu span kbira ghandu jinghata allowance fil-prezz tieghu ghaliex huwa minnu li jinvolvi ammon ikbar ta’ armar u xoghol minn tarag normali. Dan il-punt ma giex ikkunsidrat fir-rapport tekniku. Il-Perit Tekniku ma giex mistoqsi jekk fid-dawl ta’ dak li spjega dan kienx ifisser li allura ma kellu jkun hemm l-ebda tnaqqis jew inkella l-ammont li ghandu jitnaqqas kellu jkun anqas. Ghalhekk il-qorti *arbitrio boni viri* tiddeciedi li l-ammont li ghandu jonqos huwa ta’ Lm300.

Illi ghalhekk it-Total tat-Tnaqqis ghandu jkun ta’ Lm3349.38 oltre’ l-ammont ta’ Lm14,000 minhabba l-pagamenti li saru lill-ahwa Cremona.

Billi l-kont ta’ Salvu Bonello jammonta ghal Lm29,337.38, l-ammont finali dovut lill-attur ghandu jkun ta’ Lm11,988.50 li huma ekwivalenti ghal €27,925.69.

**Imghaxijiet**

Illi l-attur talab l-interessi fuq l-ammont dovut lilu mis-socjeta’ konvenuta.

Fir-rapport peritali gie ritenut li l-principju ta’ *in illiquidis non fit mora* m’ghandux jigi applikat ghall-kaz odjern u dan wara li saret analizi tal-gurisprudenza. Ghalhekk ikkonkludew li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mill-prezentata tal-kawza mill-attur.

Illi l-attur fl-ahhar nota ta’ sottomissjonijiet tieghu sostna li effettivament l-interessi ghandhom jiddekorru mid-data tal-prezentata ta’ l-ittra ufficcjali.

Min-naha taghha s-socjeta’ konvenuta fl-ahhar nota ta’ sottomissjonijiet taghha ssottomettiet li hija ma taqbilx mal-konkluzjoni raggunta mill-periti u dan peress li kien

hemm diversi divergenzi dwar il-kont u dan apparti l-fatt li l-kejl sar meta s-sidien ma kinux fuq il-post.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Tabone vs Degabriele**[12] gie ritenut li meta d-debitu hu cert u huwa facilment likwidabbli il-massima *in liquidans non fit mora* mhiex applikabbli. Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Camilleri noe vs Eucharist sive Chris Cassar noe**[13] mill-argumentazzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jigi dedott li din il-massima ma ssibx l-applikazzjoni taghha meta s-somma pretiza tista' tigi facilment stabbilita.

Illi ghalhekk fil-kaz odjern il-qorti se taghmel taghha r-ragunament tal-periti u dan peress illi:

i. L-ammont illi kellu jithallas lill-attur li wettaq kien diga' gie determinat mill-quantity surveyor Saviour Bonello u dwar dan l-ammont ma kienx hemm hlief kontestazzjonijiet zghar. Infatti parentezi zghira izda importanti li tinfetah hija li l-ammont li gie likwidat a favur ta' l-attur naqas b'mod konsiderevoli peress li tnaqqas l-ammont ta' Lm14,000 li thallsu lill-ahwa Cremona u mhux minhabba ragunijiet ohra. Il-kont ta' Bonello hareg fis-6 ta' Awwissu 1994. Jigi nnutat li l-hlas lill-ahwa Cremona sar ferm wara li l-attur kien lesta mix-xoghol u wara li kien inhareg l-istess kont. Sahansitra l-ahhar pagament sar meta l-kawza odjerna kienet diga' infethet.

ii. Is-socjeta' konvenuta setghet facilment tkun taf l-ammont li hija kellha thallas.

iii. Is-socjeta' konvenuta setghet ukoll facilment inkarigat il-perit taghha sabiex jikkalkula l-ammont li skond hija kellu jitnaqqas, u wara li tirritjeni dan l-ammont toffri l-bilanc lill-attur – anke minghajr pregudizzju ghall-kumplament, u f'kaz li l-attur ma kienx jaccetta dik is-somma setghet iddepozitat il-bilanc taht l-awtorita' tal-qorti;

---

12 21 ta' April 1961
13 Appell Civili Nru: 35/1995 deciza fit-28 ta' Settembru, 2007

iv. L-ammont li ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub mill-attur huwa wiehed relattivament zghir meta mqabbel mal-bilanc dovut lilu;

v. Kieku s-socjeta' konvenuta ma tigix ikkundannata thallas dawn l-interessi hija tkun qeghda tiehu vantagg billi zammet ghandha flus dovuti minnha lil haddiehor a skapitu tal-kreditur taghha.

## Spejjez tal-Kawza

Illi finalment dwar l-ispejjez tal-kawza l-Onorabbli Qorti ta' L-Appell fis-sentenza succitata **Carmelo Camilleri noe vs Eucharist sive Chris Cassar noe** tenniet li jinghad li b'mod generali l-mod kif jithallsu l-ispejjez gudizzjarji huwa regolat bl-artikoli 223 sa 225 tal-Kap 12, b'dan li normalment kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lill-parti sokkombenti ghall-ispejjez. Din izda mhiex in-norma ta' dritt talment tassattiva u nflessibbli li ma tippermettix varjazzjoni. Infatti minn ezami ta' l-applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet mill-Qrati, insibu li jekk jirrizultaw motivi gusti l-ispejjez jistghu jigu ghal kollox jew in parti kompensati, per ezempju, minghajr taxxa jew ripartiti f'xi proporzjon ohra (**F. Vella vs J. Debon[14])**. Jezistu sitwazzjonijiet fejn addirittura l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha[15]. Dak li hu cert hu illi l-konkluzzjoni ghandha tkun dik li ghandhom jigu kkunsidrati c-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz[16]

Ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta billi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

2. Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

---

[14] Prim'Awla 29 ta' Ottubru 1964
[15] Vol. XXXVU.I.173; Vol XXXIX.I.342
[16] Vol. XXIX.II.389

3. Tilqa’ t-talba attrici in parte billi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta’ sebgha u ghoxrin elf disa’ mija hamsa u ghoxrin euro u disgha u sittin centezmu (€27,925.69), bl-imghax dekoribbli mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati nofs b’nofs bejn il-partijiet[17].

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] Dan peress li l-ammont likwidat favor l-attur huwa anqas minn dak mitlub u mehud in kunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta qeghda wkoll tigi michuda.